MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1544/1996/1

**John Montague**

**v.**

**Holiday Resorts Limited**

**Il-Qorti:**

## PRELIMINARI

1. Dan hu appell da parti tas-socjeta` konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta'

Dicembru 2002, fejn dik il-Qorti laqghet it-talbiet ta' l-attur kif dedotti fl-att tac-citazzjoni, bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

2. L-attur ippremetta illi huwa kien impjegat bhala *general manager* mas-socjeta` konvenuta mill-1 ta' Marzu 1991 sat-8 ta' Awissu 1995, f'liema data kien irrezenja; illi huwa rrizenja bil-kundizzjoni li jircievi s-salarju sad-data tar-rezenja, il-*bonuses*, hlas ta' *leave* u *terminal gratuity* ta' elfejn, hames mija u hamsin lira (Lm2,550), u b'hekk jinsab kreditur fl-ammont ta' sebat elef, mitejn u sebgha u tmenin lira u disgha u sittin centezmu (Lm7,287.69c); talab ghalhekk li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas dan l-ammont. Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi s-somma pretiza hija bil-wisq akbar minn dik dovuta; illi mhux kontestat illi l-attur ghandu jithallas barra s-salarju u l-*bonuses*, *terminal gratuity* ta' Lm2,550 u hlas ta' *leave* li ghadu ma hax u cioe` komplessivament is-somma ta' tlett elef seba' mija, sitta u disghin lira u tlettax-il centezmu (Lm3,796.13c). Il-kontestazzjoni hija fuq il-bilanc. Skond is-socjeta` konvenuta l-ammont mhux kontestat minnha huwa aktar minn dak teknikament dovut lill-attur u ghalkemm id-dati tal-bidu u t-tmiem ta' l-impieg m'humiex kontestati, l-eccipjenti rriservaw id-dritt li jizvelaw ir-ragunijiet vera tar-rizenja ta' l-attur; is-socjeta` konvenuta tghid ukoll li hija diga` harget u offriet lill-attur tlett cekkijiet ammontanti ghal Lm3,796.13 li l-attur irrifjuta billi ppretenda li jithallas l-ammont intier.

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

3. Is-socjeta` konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti li laqghet it-talba attrici ghall-ammont kollu mitlub, u hija giet ikkundannata thallas l-ispejjez gudizzjarji. Hija ghalhekk qeghdha titlob li din il-Qorti tirrevoka l-imsemmija sentenza, bl-akkoljiment ta' l-eccezzjonijiet sollevati minnha u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**<u>L-AGGRAVJI TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

4. L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti huma bazikament tnejn, jigifieri
(a) li l-ewwel Qorti, bil-maqlub ta' dak li ghamlet, messha laqghet is-sottomissjonijiet taghha riferibbilment ghal dak li kien gie miftiehem bejn il-partijiet bil-kuntratt ta' impieg datat id-9 ta' Frar 1990 (Dok AX Y1, a fol. 134 et seq. tal-process) u dan ukoll billi l-istess Qorti malament fehmet li s-socjeta` konvenuta bidlet il-linja difensjonali taghha fil-kors tal-kawza, meta dan ma kienx minnu.

(b) li l-ewwel Qorti "ma affrontatx l-implikazzjonijiet ta' l-ittra datata t-8 ta' Awissu 1995 li ma kenitx ghajr offerta da parti taghha intiza unikament sabiex tigi terminata bonarjament relazzjoni ta' impieg".

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTUR APPELLAT</u>**

5. In risposta l-attur appellat wiegeb li z-zewg aggravji kif fuq esposti huma t-tnejn infondati, u, ghalhekk, l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta ghandu jigi michud bl-ispejjez.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Il-vertenza li tat lok ghal dana l-appell tirreferi ghal talba da parti ta' l-attur, fil-konfront tas-socjeta` konvenuta in konsegwenza tal-fatt li l-attur ittermina l-impieg li kellu mas-socjeta` konvenuta bejn l-1 ta' Marzu 1991 u t-8 ta' Awissu 1995. Specifikatament, l-attur talab is-somma komplessiva ta' Lm7,287.69c, liema ammont kien jikkomprendi s-salarju dovut, u mhux imhallas, sad-data tar-rizenja, il-*bonuses* u l-hlas ta' "*leave*" u "*terminal gratuity*", jigifieri zewg ammonti ta' Lm2,550 u Lm3,796.13c rispettivament kif jidher dettaljatament fil-prospett markat fil-process bhala Dok JM3 ma' l-att tac-citazzjoni.

7. Tajjeb li jinghad li s-socjeta` konvenuta m'hijiex qeghda tikkontesta l-ammont shih, anzi tghid espressament fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha li hija "diga` harget u offriet lill-attur tlett cekkijiet ammontanti ghal Lm3,796.13c li l-attur irrifjuta". Min-naha tieghu, l-attur, filwaqt li jirrikonoxxi li tali offerta tassew saritlu u kien hemm

mument meta kien qieghed jikkonsidra li jaccetta dan l-ammont hekk offert (billi kien safa' skopert finanzjarjament u bla impieg), huwa pero` deherlu li bi dritt kien dovut lilu l-ammont li talab u ghalhekk intavola din il-kawza ghall-ammont intier. Jigi rilevat ukoll li ma jirrizulta minn imkien li s-socjeta` appellanti effettwat xi depozitu ta' l-ammont li skond hi huwa dovut lill-attur.

8. Huwa pacifiku li d-dizgwid li ta lok ghal din il-vertenza gej mill-fatt li l-partijiet m'humiex jaqblu dwar il-"*leave* entitlement". Skond is-socjeta` konvenuta, l-attur ma kienx intitolat li jitlob flus dwar "outstanding *leave*" fl-ammont minnu pretiz, anzi hija eccepiet li effettivament "l-ammont mhux kontestat mis-socjeta` konvenuta huwa aktar minn dak illi teknikament huwa dovut lill-attur".

9. Din il-Qorti tibda billi tosserva, u dana wkoll wara li gharblet il-provi kollha li gew prodotti, li minkejja li saru sforzi miz-zewg nahat biex jirrizolvu din il-vertenza bonarjament, fl-ahharnett dawn spiccaw biex, flok ma waslu f'arrangament li kien jissodisfa lil kull parti, ikkomplikaw it-trattattivi b'mod u manjera li rrendew neboluz dak li qabel kien car. Fil-fehma ta' din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, din l-ambivalenza hija attribwibbli ghall-agir tas-socjeta` konvenuta li min-naha 'l wahda tippretendi li dak li gie miftiehem kontrattwalment huwa sagrosant u kwindi mhux soggett ghal varjazzjonijiet u, min-naha l-ohra, tikkoncedi li jekk javverraw certi fatti, allura xi tibdil li jiddipartixxi minn dak hekk miftiehem seta' jsir, purke` jkun hemm il-kunsens miz-zewg nahat. Fejn tippekka pero` s-socjeta` konvenuta hu li fejn si tratta ta' "varjazzjonijiet" minn kif miftiehem li jkunu jiggjovaw lit-tezi taghha, hija tikkontendi li dawn huma vinkolanti, izda fejn il-parti l-ohra tippretendi li sehhew fatti 'l hinn minn dak miftiehem u li gew accettati min-naha tas-socjeta` konvenuta, hija tinsisti li dawn huma legalment inaccettabbli.

10. Minn qari ta' l-atti tal-process, ghandu jirrizulta bic-car li n-nuqqas ta' qbil gej mill-fatt li meta l-partijiet "qablu" li l-attur ghandu jirrizenja volontarjament mill-impieg li kellu mas-socjeta` appellanti salv li jithallas dak kollu dovut lilu

u l-import ta' dan il-ftehim gie redatt f'ittra miktuba u mibghuta min-naha tas-socjeta` appellanti lill-attur, li ffirmaha, fl-istess ittra ma giex indikat espressament l-ammont kollu li effettivament kellu jircievi finalment l-attur appellat. Di fatti, din l-ittra datata t-8 ta' Awissu 1995, kienet *inter alia* tghid li gej (ara Dok JM1 ipprezentat mac-citazzjoni),

"…. As agreed, together with the salary due to date, you shall receive an additional payment for statutory *bonuses* due to you up to termination, payment for outstanding *leave* due to you, as well as a terminal gratuity of Lm2,550, equivalent to three months' salary and allowances. It is our understanding that you are accepting this amount in full and final settlement of all and any obligations of the company arising out of your employment. ……." (Sottolinear tal-Qorti).

Din il-Qorti hija konvinta illi li kieku l-partijiet specifikaw minn qabel l-ammont li kellu jithallas l-attur bhala "full and final settlement", din il-vertenza ma kenitx tinqala'. Fil-fatt gara li l-partijiet ma qablux dwar x'kien ezatt intitolat ghalih l-attur – f'forma ta' hlasijiet – bhala "*leave entitlement*". Ir-raguni ghal dan in-nuqqas ta' qbil gej mill-fatt li jirrizulta li l-attur kien ikollu jaghmel perijodi ta' zmien fl-esteru in konnessjoni ma' kors ta' studju li kien qieghed isegwi fir-Renju Unit. Issa, filwaqt li l-attur jikkontendi li huwa dejjem ha hsieb li javza lill-persuni kkoncernati bl-assenzi tieghu b'dan li s-socjeta` konvenuta kienet ghal kollox edotta u konsapevoli b'dawn l-arrangamenti, is-socjeta` appellanti qeghdha invece tinsisti li l-agir ta' l-attur kien wiehed arbitrarju u mhux awtorizzat u, kwindi, dan kien ifisser fil-prattika li l-attur ma kienx intitolat li jittrasporta "*leave*" minn sena ghal ohra ghax il-kuntratt ta' impieg tieghu (esebit tlett snin u nofs wara li bdiet din il-kawza!) kien jghid u jipprovdi mod iehor.

12. Din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, wara li gharblet sew il-provi, tikkonkludi minghajr esitazzjoni li ma setax kien li s-socjeta` konvenuta ma kenitx konsapevoli tal-fatt li l-attur beda jgedded il-"*leave*" tieghu minn sena ghall-ohra bl-approvazzjoni taghha. Li gara fir-realta` hu li ghall-bidu l-attur bhala "*general manager*" kien jithalla jaghmel l-

arrangamenti kollha wahdu, in segwitu tqabbdu zewg impjegati ohra biex “jikkontrollawh”, jigifieri David Marinelli u Caroline Schembri, pero` imbaghad finalment gara li meta fil-vicenda dahal ukoll is-Sur Angelo Xuereb, wiehed mid-Diretturi, dan kien tal-fehma li l-attur ma kienx mexa skond l-obbligi kontrattwali minnu assunti u ghalhekk deherlu li l-ammont reklamat ghal “*deferred leave*” ma kienx dovut. Issa jekk tezamina u taghsar ix-xiehda moghtija, ghandu jirrizulta illi li kieku l-impieg ta’ l-attur ma giex mitmum hesrem, hadd ma kien jghid xejn dwar l-operat ta’ l-attur fir-rigward tal-procedura biex tintalab approvazzjoni ghal “*deferred leave*”. Il-kwistjoni, invece, tidher li qamet biss meta l-attur gie biex irrizenja u s-socjeta` konvenuta dehrilha li kellha timxi mieghu “*by the book*”, meta fir-realta`, il-procedura li kienet fil-prattika tigi segwita kienet wahda laxka ghall-ahhar. Hu ghalhekk inutli ghas-socjeta` appellanti li toqghod issa tfettaq u tipprova tispjega x’kienu dawn l-obbligi (hekk ara l-monografija a fol. 143 – 148 tal-process per via ta’ nota ta’ sottomissjonijiet) meta l-istat ta’ l-affarijiet kien jindika xort’ohra. Bizzejjed ghall-Qorti li tislet il-bran segwenti biex tiddimostra dan il-punt (ara xiehda ta’ Tonio Farrugia, Administration Director ta’ AX Holdings, a fol. 88 tal-process):

“Naqbel li fix-xiehda tieghu Marinelli qal li ma jiftakarx id-dettalji tal-leave. Jiena milli niftakar nghid li Marinelli kien jaf li Montague kellu jitlob lilu l-leave. Sa fejn naf jiena Marinelli kellu jkun jaf il-leave entitlement ta’ Montague. Jiena m’ghandix u lanqas fil-file ma sibt ebda talba ta’ Montague biex igib forward il-leave entitlement tieghu. Ma tezisti l-ebda formola biex isir dan. Gieli kellna talbiet simili minn managers ohra mhux fuq din il-formola partikolari imma saret anki bil-fax. Fil-fatt generalment tghaddi nota f’dan is-sens. Din in-nota imbaghad tinzel fil-personal file ta’ l-impjegat. Il-file li tkun qed tara Mrs. Schembri.”

13. L-ewwel Qorti, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghamlet analizi approfondita u korretta dwar kif kienu jitmexxew l-affarijiet fi hdan is-socjeta` konvenuta, u minn din l-analizi ghandu jirrizulta li minkejja dak li jissemma’ fil-kuntratt ta’

impieg, hija kienet addottat prassi diversa b'dan pero` li r-"*records*" taghha ma kenux jinzammu sew u kif suppost. Tenut kont ta' dan ghalhekk, ma tistax issa tippretendi li tregga' l-arlogg lura u tesigi li kellha d-dritt li l-attur ma thallsux ta' dak li kien intitolat ghalieh meta dan jirrizulta li mexa konformement ma' prassi accettata u attwata minn impjegati ohrajn taghha.

Mill-bqija, din il-Qorti ma thossx li ghandha ghalfejn tkompli tiddilunga aktar minn daqstant u dan ukoll billi l-osservazzjonijiet li saru mill-ewwel Qorti, li hija pjenament tikkondividi, huma sostanzjalment gusti u korretti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------